

Il-Ġurnal Uffiċjali

tal-Unjoni Ewropea

L 19



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 57

22 ta' Jannar 2014

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 53/2014 tal-21 ta' Jannar 2014 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex 1

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 54/2014 tal-21 ta' Jannar 2014 dwar il-ħruġ ta' liċenzji tal-importazzjoni u l-allokazzjoni tad-drittijiet tal-importazzjoni għall-applikazzjonijiet imressqa matul l-ewwel sebat ijiem tax-xahar ta' Jannar 2014 taħt il-kwoti tariffarji miftuħa permezz tar-Regolament (KE) Nru 616/2007 għal-laħam tat-tjur 3

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 55/2014 tal-21 ta' Jannar 2014 dwar il-ħruġ ta' liċenzji għall-importazzjoni ta' tewm fis-subperjodu tal-1 ta' Marzu 2014 sal-31 ta' Mejju 2014 5

Rettifika

★ Rettifika tar-Regolament tal-Kunsill tal-20 ta' Jannar 2014 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 267/2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU L 15, 20.1.2014) 7

Prezz: EUR 3

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat. It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 53/2014

tal-21 ta' Jannar 2014

li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament dwar l-OKS unika) ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ⁽²⁾ u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom

il-Kummissjoni tiffissa l-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.

- (2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Jannar 2014.

Għall-Kummissjoni,

F'isem il-President,

Jerzy PLEWA

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

⁽¹⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

ANNEX

Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

(EUR/100 kg)

Kodiċi tan-NM	Kodiċi tal-pajjiż terz ⁽¹⁾	Valur standard tal-importazzjoni
0702 00 00	AL	78,9
	IL	134,3
	MA	57,4
	TN	87,8
	TR	88,3
	ZZ	89,3
0707 00 05	MA	124,7
	TR	160,3
	ZZ	142,5
0709 91 00	EG	82,2
	ZZ	82,2
0709 93 10	MA	77,2
	TR	125,5
	ZZ	101,4
0805 10 20	EG	46,1
	MA	61,1
	TR	70,9
	ZA	29,2
	ZZ	51,8
0805 20 10	IL	170,3
	MA	75,3
	ZZ	122,8
0805 20 30, 0805 20 50, 0805 20 70, 0805 20 90	CN	63,3
	IL	114,6
	JM	114,6
	KR	142,4
	MA	83,3
	TR	89,0
	ZZ	101,2
0805 50 10	EG	67,3
	TR	73,7
	ZZ	70,5
0808 10 80	CN	79,5
	MK	24,1
	US	135,8
	ZZ	79,8
0808 30 90	TR	146,4
	US	139,5
	ZZ	143,0

⁽¹⁾ In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 54/2014

tal-21 ta' Jannar 2014

dwar il-ħruġ ta' liċenzji tal-importazzjoni u l-allokazzjoni tad-drittijiet tal-importazzjoni għall-applikazzjonijiet imressqa matul l-ewwel sebat ijiem tax-xahar ta' Jannar 2014 taħt il-kwoti tariffarji miftuħa permezz tar-Regolament (KE) Nru 616/2007 għal-laħam tat-tjur

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 188 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 tal-31 ta' Awwissu 2006 li jstabbilixxi regoli komuni għall-amministrazzjoni ta' kwoti ta' tariffi fuq l-importazzjoni għal prodotti agrikoli ġestiti b'sistema ta' liċenzji ta' importazzjoni⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 7(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 616/2007⁽³⁾ fetaħ kwoti tariffarji għall-importazzjoni ta' prodotti tal-laħam tat-tjur li joriġinaw mill-Brażil, mit-Tajlandja u minn pajjiżi terzi oħrajn.
- (2) L-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni mressqa matul l-ewwel sebat ijiem tax-xahar ta' Jannar 2014 għall-Gruppi Nri 1, 2, 4A, 6A, 7 u 8 għas-subperjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju 2014 jirrelataw, għal ċerti kwoti, ma' kwantitajiet li jaqbżu l-kwantitajiet disponibbli. Għaldaqstant, jeħtieġ li jiġi deċiż sa liema punt jistgħu jinħarġu l-liċenzji tal-importazzjoni, billi jiġi stabbilit il-koeffiċjent tal-allokazzjoni li għandu iġi applikat għall-kwantitajiet mitluba.

- (3) L-applikazzjonijiet għad-drittijiet tal-importazzjoni mressqa matul l-ewwel sebat ijiem tax-xahar ta' Jannar 2014 għall-Grupp Nru 5A għas-subperjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju 2014 jirrelataw, għal ċerti kwoti, ma' kwantitajiet li jaqbżu l-kwantitajiet disponibbli. Għaldaqstant, jeħtieġ li jiġi deċiż sa liema punt jistgħu jiġu allokati d-drittijiet tal-importazzjoni, billi jiġi stabbilit il-koeffiċjent tal-allokazzjoni li għandu jiġi applikat għall-kwantitajiet mitluba,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Il-kwantitajiet li għalihom tressqu applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 616/2007 għas-subperjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju 2014 għall-Gruppi Nri 1, 2, 4A, 6A, 7 u 8, għandhom jiġu mmultiplikati bil-koeffiċjenti tal-allokazzjoni stipulati fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

2. Il-kwantitajiet li għalihom tressqu applikazzjonijiet għad-drittijiet tal-importazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 616/2007 għas-subperjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju 2014 għall-Gruppi Nru 5A, għandhom jiġu mmultiplikati bil-koeffiċjent tal-allokazzjoni stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-22 ta' Jannar 2014.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Jannar 2014.

Għall-Kummissjoni,
Fisem il-President,

Jerzy PLEWA

Direttur Ġenerali għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali

⁽¹⁾ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

⁽²⁾ ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13.

⁽³⁾ ĠU L 142, 5.6.2007, p. 3.

ANNEX

Nru tal-grupp	Nru tal-ordni	Koeffiċjent tal-allokazzjoni għall-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni mressqin għas-subperjodu mill-1.4.2014 sat-30.6.2014 (%)
1	09.4211	0,467704
4A	09.4214	54,332634
	09.4251	9,069004
6A	09.4216	0,494014
	09.4260	2,320193

Grupp Nru	Ordni Nru	Koeffiċjent tal-allokazzjoni għad-drittijiet tal-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni mressqin għall-perjodu mill-1.4.2014 sat-30.6.2014 (%)
5A	09.4215	0,766687
	09.4254	5,027223
	09.4255	6,731740

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 55/2014**tal-21 ta' Jannar 2014****dwar il-ħruġ ta' liċenzji għall-importazzjoni ta' tewm fis-subperjodu tal-1 ta' Marzu 2014
sal-31 ta' Mejju 2014**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 188 tiegħu,Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 tal-31 ta' Awissu 2006 li jstabbilixxi regoli komuni għall-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji għall-importazzjoni tal-prodotti agrikoli regolati minn sistema ta' liċenzji għall-importazzjoni ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 7(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 341/2007 ⁽³⁾ jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji, u jintroduċi sistema għal liċenzji għall-importazzjoni u ċertifikati ta' oriġini għat-tewm u għal ċerti prodotti agrikoli oħra importati minn pajjiżi terzi.
- (2) Il-kwantitajiet li għalihom ġew introdotti applikazzjonijiet għal-liċenzji "A" minn importaturi tradizzjonali u minn importaturi ġodda fl-ewwel sebat ijiem ta' xogħol ta' Jannar 2014, skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament

(KE) Nru 341/2007, jaqbz u l-kwantitajiet disponibbli għall-prodotti li joriġinaw miċ-Ċina.

- (3) Għaldaqstant, skont l-Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006, jeħtieġ issa li jiġi stabbilit sa liema punt l-applikazzjonijiet għal-liċenzji "A" mibgħuta lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mill-14 ta' Jannar 2014 jistgħu jiġu sodisfatti skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 341/2007.
- (4) Sabiex tiġi żgurata ġestjoni effikaċi tal-proċedura tal-ħruġ taċ-ċertifikati tal-importazzjoni, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ eżatt wara li jiġi ppubblikat,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni "A" ippreżentati skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament (KE) Nru 341/2007 fl-ewwel sebat ijiem ta' xogħol ta' Jannar 2014 u mibgħuta lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mill-14 ta' Jannar 2014 ġew sodisfatti skont il-perċentwali tal-kwantitajiet mitluba indikati fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Jannar 2014.

*Għall-Kummissjoni,
F'isem il-President,*

Jerzy PLEWA

Direttur Ġenerali għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali⁽¹⁾ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.⁽²⁾ ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13.⁽³⁾ ĠU L 90, 30.3.2007, p. 12.

ANNEX

Oriġni	Nru tas-serje	Koeffiċjent ta' allokkazzjoni
L-Arġentina		
— Importaturi tradizzjonali	09.4104	100 %
— Importaturi ġodda	09.4099	100 %
Iċ-Ċina		
— Importaturi tradizzjonali	09.4105	32,455175 %
— Importaturi ġodda	09.4100	0,409006 %
Pajjiżi terzi oħra		
— Importaturi tradizzjonali	09.4106	—
— Importaturi ġodda	09.4102	—

“—”: Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda applikazzjoni għal liċenzja.

RETTIFIKA

Rettifika tar-Regolament tal-Kunsill tal-20 ta' Jannar 2014 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 267/2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 15 tal-20 ta' Jannar 2014)

Fil-qoxra, fil-werrej:

għal: "2014/42/UE

Regolament tal-Kunsill tal-20 ta' Jannar 2014 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 267/2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran"

aqra: "Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 42/2014 tal-20 ta' Jannar 2014 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 267/2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran";

Fpaġna 18, fit-titolu:

għal:

"REGOLAMENT TAL-KUNSILL

tal-20 ta' Jannar 2014

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 267/2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran

(2014/42/UE)",

aqra:

"REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) Nru 42/2014

tal-20 ta' Jannar 2014

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 267/2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran".

EUR-Lex (<http://new.eur-lex.europa.eu>) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: <http://europa.eu>

